# NCPE Forum: Għaliex femiċidju?

**Il-Ħamis 27 ta' Jannar 2022 (6:00pm – 7:30pm)**

**Id-diskussjoni xxandret permezz ta' livestream fuq il-paġna Facebook tal-NCPE**

**Introduzzjoni - Is-Sa Renee Laiviera, Kummissarju tal-NCPE:**

- Wara l-qtil ta' Paulina Dembska, f'pajjiżna segwiet diskussjoni dwar il-femiċidju, il-vjolenza fuq in-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi. F'din id-diskussjoni ġew espressi opinjonijiet differenti dwar id-definizzjoni ta' femiċidju kif ukoll dwar ir-rabta bejn il-vjolenza u l-inugwaljanza fis-soċjetà.

- Il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li Malta rratifkat fl-2014, tagħraf li *"… l-vjolenza kontra n-nisa hija manifest ta' relazzjonijiet ta' poter storikament inugwali bejn in-nisa u l-irġiel, li wasslu għal dominju fuq, u diskriminazzjoni kontra n-nisa mill-irġiel u għall-prevenzjoni tal-avvanz sħiħ tan-nisa".*

- L-iskop ta' dan il-forum mhuwiex li jagħti ġudizzju dwar l-allegat aggressur ta' Paulina Dembska, iżda li jixħet lenti fuq is-soċjetà tagħna, permezz ta' diskussjoni dwar ir-rabta li teżisti bejn il-vjolenza fuq in-nisa u l-forom differenti ta' inguwaljanza, u x'jista' jsir biex dawn jiġu indirizzati.

**Punti li qamu waqt id-diskussjoni:**

- Femiċidju: m'hawnx definizzjoni internazzjonali imma hawn *notion* – il-qtil ta' mara għax hija mara - li jiġi wżat għal fini ta' *policy* u *advocacy*.
- Il-*United Nations* ħarġet dikjarazzjoni imma ma tiddeffinixix x'inhu femiċidju
- Fil-liġi għandna aggravant abbażi tal-ġeneru imma dan ma jeżistix fil-każ ta' istupru
- Għandna l-*crime of passion* li jista' jintuża bħala *mitigating factor* meta jagħtu s-sentenza. Dan ġieli jiġi wżat fil-qrati. Eżempju jeħel 12-il sena ħabs ħabba l-qtil ta' martu.

- Il-*life sentence* hija l-ogħla livell li tkopri l-liġi f'Malta
- Għandna ndaħħlu l-femiċidju fil-kodiċi kriminali tagħna biex nirrikonoxxuh u nwasslu l-messaġġ li dan it-tip ta' omiċidju mhuwiex aċċettat fis-soċjetà tagħna
- Huwa importanti ħafna li niddentifikaw il-femiċidju biex inkunu nistgħu nieħdu azzjoni bħal pereżempju, nagħtu taħriġ lill-professjonisti li huma wkoll telgħu f'soċjetà sterjotipata
- Wieħed irid jara d-dinamika bejn il-kriminal u l-vittma
- Fl-aħħar 200 sena kellna 525 qtil li minnhom 137 kienu nisa, jiġifieri dan it-tip ta' kriminu m'huwiex rari
- Mit-2008 sal 2020, kellna kważi kwart ta' miljun krimini fejn kien hemm 89,073 vittmi nisa u 123,490 vittmi irġiel (42% - 58%)
- Aħna nieħdu xokk enormi meta tmut mara mbagħad nagħmlu sentejn kalmi. Malli jerġa' jkun hemm qtil ta' mara oħra nerġgħu nistenbħu
- B'mod ġenerali, is-soċjetà Ewropea hija soċjetà patrijarkali. Naraw li l-pożizzjonijiet ta' poter u ta' flus għadhom f'idejn l-irġiel għalkemm għal dawn l-aħħar 20 sena rajna iktar nisa jiggradwaw mill-irġiel. U jekk naraw min jagħmel l-iktar ix-xogħol tad-dar huma n-nisa
- F'termini ta' sigurtà fis-soċjetà tagħna, in-nisa huma iktar abbużati kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar
- L-isterjotipi li ilna ngħixu bihom snin huma *deeply rooted* u b'hekk huwa diffiċli ħafna li nibdluhom
- Il-patrijarkat ġej mit-tradizzjoni pero la darba qed nintebħu, irridu nagħmlu sforz biex nibdew inġibu l-bidla
- Għad hemm nuqqas ta' edukazzjoni fejn hemm ċertu dritt immaġinat ta' persuna fuq persuna oħra
- L-affarijiet irranġaw ftit imma għandna lura
- Għalhekk huwa importanti li nagħtu t taħriġ lill-professjonisti
- Bħalissa kulħadd qiegħed isaqsi - jekk ilhom in-nisa jiggradwaw iktar mill-irġiel għaliex is-soċjetà tagħna għadha daqstant dominata mill-irġiel?
- Il-bidla mhux se ssir mill ewwel. Din tieħu ġenerazzjonijiet. Biex naraw veru frott kapaċi jridu jgħaddu ġenerazzjoni jew tnejn

- Bilfors li l-inugwaljanza ħa twassal għall-vjolenza għax l-aggressur jemmen li għandu jedd u poter fuq il-parti l-oħra, li tista' tuża l-forza, jew li jeżerċita kontroll bħal pereżempju każijiet fejn nisa ma jitħallewx joħorġu jaħdmu
- Irid ikun hemm *ethos,* rispett reċiproku u għarfien ta' x'inhu *gender,* anke fil-post tax-xogħol
- Irridu naħdmu minn eta' żgħira, għax wara li joħorgu mill-iskola t-tfal se jiġu bbumbardjati mis-*social media* u se jkunu d-dar. Għandek sezzjonijiet tas-socjetà fejn il-kultura hija *macho*. Għandek il- *media* wkoll u l-*employers*. Għandek ħafna aspetti.
- Għandna ndaħħlu t-terminu tal-femiċidju fil-liġi biex nuru r-rieda tagħna li ma rridux vjolenza abbażi tal-ġeneru. Din xi ħaġa sistemika u għalhekk l-isforz irid ikun kollettiv
- Il-pilastri tas-soċjetà huma **PREFET:**
    - il-**P**olitika,
    - ir-**R**eliġjon,
    - l-**E**konomija,
    - il-**F**amilja,
    - l-**E**dukazzjoni u issa żidna
    - t-**T**eknologija

    Jekk mhux kull wieħed minn dawn se jimbotta mhux se ssir il-bidla
- Minkejja li l-vjolenza domestika ssibha f'kull klassi fis-soċjetà, hemm studju li n-nisa iktar kemm ikunu edukati inqas jaċċettaw il-vjolenza u meta mara toħroġ taħdem hi tkun indipendenti u għandha ħajja oħra oltre mid-dar
- Imma li jkollok disparita fil-pagi mhux qiegħed tgħaddi messaġġ ta' ugwaljanza fis-soċjetà. Trid tkun bil-fatti.
- In-nuqqas ta' ugwaljanza tagħmilha iktar faċli għas-socjetà li taċċetta l-vjolenza kontra l-mara u l-vjolenza domestika għax il-mara titqies li mhux daqshekk importanti
- Minn naħa l-oħra l-vjolenza żżid l-inugwaljanza bejn is-sessi
- *Underreporting* hija problema kbira pero qed naraw li rapporti ta' vjolenza f'relazzjoni intima qegħdin jiżdiedu minn mindu kien hemm tibdil fil-liġi li l-qafas tiegħu huwa skont il-Konvenzjoni ta' Istanbul
- Pero fejn jidħlu reati oħra, ir-rappurtaġġ jibqa' baxx ħafna bħal eżempju stupru u *stalking*
- Fuq is-*social media* għandna naraw ħafna *victim blaming* u dan rifless ukoll fil-qrati

- Mara tibża' li mhux se tiġi emnuta – u hemm element ta' *self blame* apparti mill-*victim blaming*
- Raġel jibża' li se jitmejlu bih jekk jirrapporta
- Ġieli ma jindunawx li jkunu għaddejjin minn abbuż
- Illum hemm *victim support unit*
- Il-leġiżlatura u l-eżekuttiv u r-*rule of law*. Ħafna mit-tibdil issa qiegħed isir
- Meta tagħti ċans li l-vittma tirraporta, r-rapporti jiżdidu
- Trid tara l-vittma kif qiegħda tiġi ttrattata
- Trid tara d-dinamiżmu bejn il-vittma u l-aggressur
- Imbagħad għandek is-sensittività ta' kif twassal il-messaġġ
- Minn aspett ta' liġi diġa għamilna avvanz pero issa rridu nsaħħuha biex naraw li l-provizzjonijiet tal-liġijiet li qegħdin għas-sapport tal-vittma jiġu rispettati u invokati
- Irridu naħdmu fuq livell ta' komunità – il kunsilli, il-każini tal-banda biex in-nies ikunu parteċipi fid-diskors
- Irid ikollna vizjoni ċara, strateġija kumplessa u *deadlines* biex naraw riżultat pozittiv
- Irridu nisimgħu l-persuni li qegħdin jesperjenzaw l-abbuż u l-vjolenza u naġġustaw l-azzjonijiet tagħna skont x'qegħdin jgħidulna. Inħallu lin-nies jgħidulna x'mhux qiegħed jaħdem
- L-għarfien għandu jkun varju eż. għaliex ma nitkellmux fuq x'inhi l-imħabba?
- Jekk xi ħadd qal ċajta u kulħadd daħaklu, tista' ma titħaklux
- Irridu nieqfu ninnormalizzaw '*rudeness*'
- Irridu li l-għola awtoritajiet jitkellmu fuq is-soċjetà patrijarkali – dan huwa l-bidu
- Il-bżonn ta' *champions*, li lesti jaffrontaw soċjetà sħiħa biex tmexxi tematika
- Irid ikun hemm xi ħadd li qiegħed imexxi kawża
- Bidla fil-mentalità qiegħda ssir bil-mod wisq
- Issa rridu naċċelleraw il-bidla
- Parti mill-għarfien hija l-*media* b'mod iktar wiesgħa – żommu din l-*issue* fuq l-aġenda u mhux sakemm terġa' tiġri diżgrazzja oħra
- Taħriġ u taħriġ – mhux biss id-definizzjoni imma wkoll li jindirizzaw l-*istereotypes* u l-*harmful behaviour*

**Konklużjoni - Is-Sa Renee Laiviera:**

- Dejjem iqumu l-istess *issues*, taħriġ, il-pulizija, il-ġudikatura ....
- Irid ikun hemm ic-*champions* speċjalment ta' nies li jistgħu jġibu bidla minn fuq nett, il-politiċi – bħalissa għad m'hemmx
- Irridu nagħmlu iktar u ngħidu x'qegħdin nagħmlu

**31 ta' Jannar 2022**